**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum l-24 ta' Awwissu, 2023**

**Rikors numru: BCT/08/2023**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Noel Mifsud**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant innifsu, cioe' s-Sur Noel Mifsud fit-02 t'April 2023, fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *"Jiena, Noel Mifsud ID No – 0050576M qiegħed nappella it-taħrika li rċivejt mill-BCA fid-29 ta' Marzu 2023 fuq allegati xogħlijiet li jien għamilt il-Ħadd fis-26 ta' Marzu 2023 fis-sit 133, Triq San Gejtanu, Ħamrun fejn qed jingħad li saru xogħlijiet mhux awtorizzati barra mill-ħin permessibli mil-ligi u ġejt immultat €500.*
>
> *Ix-xogħlijiet li saru kienu jinvolvu tkissir ta' madum eżistenti fil-propjeta' 133, Triq San Gejtanu, Ħamrun li tinsab fiż-żona ta' żvilupp, għalhekk skont L.S. 552.08 Klassi 1 dawn ix- xogħlijiet ma jirrikjedux permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. It-tkissir tal-madum seħħ is-Sibt filgħodu fil-25 ta' Marzu 2023 għalhekk dawn ix-xogħlijiet ma kienux qed jiksru r-regoli msemmija fit-Tielet Skeda ta' L.S. 623.08 artiklu 1 (ii).*

*Ix-xogħlijiet li bdew isiru l-Ħadd 26 ta' Marzu 2023 kienu jinvolvu apparat tal-ħasil bħal vacuum cleaner u żbarazzar tal-madum imkisser bil-pala tal-ħadid li jneħħu jew jikinsu l-materjal mkisser li ġie ġġenerat il-ġurnata ta' qabel. Dan kollu kien qed iseħħ ġo propjeta' vakanti fejn ftit ħsejjes jinstemaw jirbombjaw aktar. Għalhekk mhux korrett u hu appellat il-fatt li jien ġejt mħarrek u mmultat fuq tindif intern tas-sit minħabba li dan it-tip ta' xogħol ma jikwalifikax bħala xogħol mhux awtorizzat minħabba li fil-L.S. 623.08 il-kelma xogħlijiet ma tinkludix ħasil jew tindif tal-post imma ssemmi;*

*"xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u tinkludi xogħlijiet tal-iskavar, tad-demolizzjoni, tal-kostruzzjoni, ix-xogħlijiet ta' servizzi tal-bini u x-xogħlijiet ta' finitura"*

*Għalħekk għar-raġuni li x-xogħlijiet ta' ħasil u zbarazzar li jien wettaqt il-Ħadd 26 ta' Marzu 2023 ma jikwalifikawx bħala xogħlijiet skont L.S.623.08, kif ukoll l-għodda li ġew użati ma joħolqux ħsejjes eċċessivi din it-taħrika u l-multa għandhom jaqgħu u ma jibqgħux aktar fis-seħħ. F' dan l-imejl għandkom issibu anness kopja tal-Penali Amministrattiva mogħtija lili. Grazzi bil-quddiem."*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

*2. Illi durante t-trattazzjoni tal-appell, r-rapreżenatanti tal-Awtorità appellata ser jkunu qegħdin jispjegaw f'iktar dettal dawn il-fatti;*

*3. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern in toto.*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Għalhekk, ir-rikorrent qiegħed jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jibdel d-deċiżjoni tal-Awtorità tal- Bini u Kostruzzjoni rigward il-multa'.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023, l-kawża tħalliet għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jitratta dwar multa imposta mill-Awtorità intimata minħabba li saru '*Xogħlijiet mhux awtorizzati barra mill-ħin permissibli mil-liġi'*.

Fil-mertu, it-Tribunal jinnota xhieda diverġenti, fejn l-appellant jindika li x-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru kienu jinvolvu apparat tal-ħasil bħal '*vacuum cleaner*' u żbarazzar tal-madum imkisser, bil-pala tal-ħadid li jneħħu jew jikinsu l-materjal imkisser li ġie iġġenerat il-ġurnata ta' qabel, filwaqt li x-xhud imħarrek mill-Awtorità, is-Sur Brendan Muscat, spettur mal-Awtorità li mar fuq il-post fil-ġurnata msemmija, jikkonferma li meta ħabbat fuq il-bieb ta' barra sema xi ħsejjes ta' tkissir b'xi tip ta' '*jigger*'.

Ix-xhud ta' l-Awtorità, jixhed ukoll li l-appellant ma' awtorizzax lill-ispettur li jidħol fil-post biex jikkonferma n-natura tax-xogħlijiet li kienu qegħdin jsiru.

Ix-xhud ta' l-Awtorità jkompli jixhed li l-appellant kien fil-preżenza ta' żewg ħaddiema u ġie preżentat ritratt ta' żewġ individwi li mill-ħwejjeġ li kienu libsien juru biċ-ċar li kienu qiegħdin fuq il-lant tax-xogħol.

It-Tribunal, wara li sema' u evalwa x-xhieda u l-provi miġjuba iqis li ma huwiex verosimili dak li qiegħed jgħid l-appellant fejn jgħid li dak li kien qiegħed jagħmel kien sempliċiment li jiżbarazza. Ix-xhieda tal-uffiċjal tal-Awtorità intimata, ir-ritratt esebit u l-insistenza tal-istess appellant milli jħalli l-istess uffiċjali jidħlu fis-sit ta' kostruzzjoni tmur kontra dan kollu. Dan it-Tribunal jiddeplora l-azzjoni ta' l-appellant li ma jawtorizzax lill-ispettur tal-Awtorità milli jidħol fil-post biex jaqdi dmirijietu.

Fid-dawl ta' dan kollu it-Tribunal iqis li dak li kien qiegħed jagħmel l-appellant fil-ġurnata tas-26 ta' Marzu, 2023 ma huwiex awtorizzat li jsir ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell.

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jiċħad l-appell tal-appellant u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata datata id-29 ta' Marzu, 2023.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |